MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 144/1998/2

**Anthony u Georgette konjugi Muscat**

**vs**

**Anthony u Josephine konjugi Grech**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Ottubru, 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex, prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi intom għad fadlilkom tħallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tnejn u erbgħin lira maltija u sittin ċenteżmu (Lm 642.60c) dovuti kwantu għal Lm 511.58c għal xogħol ta'

kontro-bejt, u Lm 130.75 bħala Taxxa fuq Valur Miżjud fuq xogħol illi twettaq qabel; tiġu kundannati tħallsu lill-atturi s-somma globali ta' sitt mija u tnejn u erbgħin lira maltija u sittin ċenteżmu (Lm 642.60c) flimkien mal-interessi relattivi mid-data ta' meta tlesta x-xogħol sad-data tal-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż kontra tagħkom, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament hija ta' ostakolu għall-azzjoni attriċi l-preskrizzjoni ta' sentejn fit-termini ta' l-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili ;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess it-talba attrici in kwantu għas-somma ta' ħames mija u ħdax-il lira Maltija u tmienja u ħamsin ċenteżmu (Lm 511.58) konsistenti f'xogħol ta' konkos ta' kontro-bejt hija intempestiva u li ma għandhomx jitolbuha stante li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa ;

3. Illi t-talbiet attriċi in kwantu għas-somma ta' mija u tletin lira Maltija u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm130.75c) bħala taxxa fuq il-valur Miżjud fuq xogħol li twettaq qabel huma infondati peress li l-konjuġi Muscat ġia tħallsu u għaldaqstant kwalsiasi ammont dovut ta' xogħol li sar huwa mħallas ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-kontro-talba ta' l-istess konvenuti fejn, wara li ppremettew illi :

Illi l-konvenuti jixtiequ jipprevalixxu rwieħhom mit-talbiet attriċi biex jagħmlu t-talba rikonvenzjonali ;

Li l-konvenuti konjuġi Grech inkarigaw lil Anthony Muscat sabiex jagħmel xogħol ta' konkos u ċioe' speċifikament ta' bejt u ta' kontro-bejt ta' l-ewwel sular fil-fond mingħajr numru fi Triq Binġemma, Nadur, Għawdex, proprjeta' tal-konvenuti ;

Illi sussegwentement għall-istess xogħol ta' appalt u ċioe' matul dawn l-aħħar xhur, l-istess xogħol ta' konkos żviluppa xquq, preċiżament fil-bejt u ta' kontro bejt ta' l-istess fond ;

Illi qed jipperkola l-ilma minn dawn l-ixquq u għalhekk qed jiġu kkaġunati ħsarat strutturali fil-bejt u l-kontro-bejt peress li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa kif jirriżulta dettaljatament waqt is-smiegħ tal-kawża ;

Li l-konvenuti interpellaw lill-konjuġi Muscat diversi drabi sabiex jersqu bonarjament għall-arrangament bonarju iżda dawn naqsu li jagħmlu hekk għal raġunijiet mhux magħrufa .

Talbu lill-atturi jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara li x-xogħol ta' konkos li għamel l-attur Anthony Muscat fuq inkarigu tal-konvenuti ma sarx skond l-arti u s-sengħa ;

2. Tikkundanna lill-atturi konjuġi Muscat sabiex fi żmien qasir u perentorju li tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti jagħmel dawk ix-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa taħt id-direzzjoni ta' Perit Tekniku nominat minn dina l-Onorabbli Qorti ;

3. fin-nuqqas l-konvenuti jiġu awtorizzat minn dina l-Onorabbli Qorti li jagħmlu x-xogħlijiet rimedjali a spejjeż ta' l-atturi taħt id-direzzjoni ta' periti nominandi .

Bl-ispejjeż kontra tagħkom inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali datata 12 ta' Jannar, 1998, u bl-inġunzjoni ta' l-atturi għas-subizzjoni .

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Frar 1999 fejn ordnat l-isfilz ta' din il-kontro-talba .

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri tat-12 ta' Novembru 1999 fejn dan id-digriet ġie annullat .

Rat il-verbal ta' l-atturi tat-2 ta' Ottubru 2003 fejn irtiraw l-oppożizzjoni tagħhom għall-preżentata ta' din il-kontro-talba .

Rat il-verbal tagħha ta' l-4 ta' April 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jirreklamaw il-ħlas għal xogħol ta' kontra-bejt illi sar fid-dar proprjeta' tal-konvenuti. Il-konvenuti qed jopponu t-talba, għax jallegaw illi dan ix-xogħol sar ħażin . Infatti fil-kontro-talba tagħhom jitolbu rimedju mingħand l-atturi għal dan ix-xogħol difettuż .

Ġara illi l-attur kien ġie inkarigat mill-konvenuti sabiex jagħmel is-soqfa tal-konkos fid-dar illi huma kienu qegħdin jibnu in-Nadur . Sar ix-xogħol u tiegħu l-konvenuti debitament ħallsu lill-attur . Ġara pero' illi ftit wara illi kien tlesta s-saqaf tat-tieni sular, u ċioe' dak li jiġi direttament taħt il-bejt, beda jiskula l-ilma u għalhekk il-konvenuti fittxew rimedju mingħand l-attur . Dan issuġerixxa li jsir kontra-bejt, il-konvenuti aċċettaw u l-attur wettaq dan ix-xogħol ukoll . Imma anke wara li sar dan il-kontra-bejt, dan żviluppa xi xquq ukoll u għalhekk meta l-konvenuti ġew konfrontati bil-kont relattiv,

huma rrifjutaw li jħallsu lill-attur . Billi ma ntlaħaqx ftehim dwar x-xogħlijiet rimedjali ulterjuri kellhom isiru, saret din il-kawża .

L-attur, fid-depożizzjoni tiegħu sostna illi ix-xquq li tfaċċaw fil-kontra-bejt kienu konsegwenza normali billi l-bejt ma kienx unit u ħaġa waħda, għaliex il-kaxxa tat-taraħ kienet f'livell għola mill-kumplament tal-bejt . Qal ukoll illi dawn ix-xquq setgħu jitgħattew bi strixxi tal-waterproofing membrane u b'hekk kull perikolu li jiskula l-ilma kien jiġi eliminat . Intant osserva illi, minkejja illi kienu ġia għaddew is-snin minn meta ġiet intavolata din il-kawża, ma kienx reġa' skula l-ilma fid-dar tal-konvenuti minn meta kien sar dan il-kontra-bejt, u lanqas kien hemm xi sinjali ta' tixrib jew umdita' f'dan is-saqaf[1] .

Minn naħa l-oħra l-konvenut ma qadx biss fuq dak li kien apparenti lilu, imma ipproduċa l-prova ta' żewġ esperti fil-materja . Intant esebixxa ċertifikat rilaxxjat mill-A.I.C. Carmelo Borg u datat il-5 ta' Diċembru 1997, li jispeċifika illi " … *jirriżulta li s-sopra bejt ta' dan il-fond żviluppawlu diversi konsenturi (qsim) li l-kawża tagħhom għadha mhix magħrufa*".[2]

Hekk ukoll l-A.I.C. Raymond Agius ikkonferma illi :

"Il-kontra-bejt kien juri xi qsim, qsim li naturalment kienu jirrenduh difettuz …. Qsim bħala expansion joints ikun hemm, imma l-qsim li qed nitħaddtu fuqu hu qsim irregolari li minnu jista' jgħaddi l-ilma … . Naturalment li l-funzjoni proprja tiegħu, ikun ineffettiv għall-intenzjoni li jkun sar . Jiġifieri hu jkun sar biex jilqa' l-ilma tax-xita, biex ma jinżilx, ma jippenetrax għal fuq il-bejt u konsegwenza

Ara affidavit ta' l-attur "Dok. AM" a fol. 72 - 74 tal-process, u x-xhieda tieghu in kontro-ezami ta' l-1 ta' Frar 2006 .
[2] ara Dok.. TG. 3 a fol 58 tal-process .

għal ġol-kmamar, u naturalment minn ġox-xquq l-ilma jgħaddi." [3]

L-istess xhud kompla jispjega kif allura l-konsegwenzi kienu ser ikunu ferm aktar gravi, għax l-ilma tax-xita kien jippenetra minn dawn ix-xquq u jinqabad bejn il-kontra-bejt u s-saqaf ta' taħtu, u kien idum iżjed biex jinxef, b'periklu ukoll illi tissaddad ix-xibka tal-ħadid tas-saqaf . Għalieh ma kienx biżżejjed li jsiru l-istrixxi suġġeriti mill-atturi biex jitgħattew dawn ix-xquq, għax dan kien biss rimedju temporanju u malajr kienu jerġgħu jinqalgħu . Soluzjoni dejjiema kienet illi l-bejt kollu jiġi miksi bil-*water-proofing membrane .*

Kif huwa stabilit mill-ġurisprudenza : "*Ma jista' qatt ikun in dubbju illi l-obbligu ta' l-appaltatur, di fronte għall-kommittent, hu dak li jesegwixxi l-opra kommissjonata lilu . Mhux hekk biss. Hu għandu l-obbligu wkoll* ***'di eseguire bene 'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve almeno prestare una capacita' ordinaria'*** . (kollez. vol. XXVII p 1 p 374).[4] Ġie wkoll preċizat fl-istess sentenza illi : "***L-appaltatur hu obbligat jesegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa, u meta hu jissoministra anke l-materjal, dan għandu jirrispondi għall-konsegwenzi kollha skond il-ligi*** . (Kollez. vol. XLI p II p 892) . Dan għaliex ***'id-difett tal-kostruzzjoni jista' jkun mhux biss xogħol ħażin imma anke xogħol esegwit b'materjal ħażin' .*** (Kollez. vol. XLI Pt. I p. 667)."

F'tali ċirkostanzi fid-dawl ta' dawn il-provi u tal-prinċipji legali hawn ċitati, jirriżulta illi l-attur, ġialadarba ġie stabilit illi ma wettaqx l-appalt tiegħu skond is-sengħa u l-arti, m'għandux dritt jitħallas tax-xogħol difettuż qabel ma jirrimedja għan-nuqqasijiet tiegħu . Konsegwentement

---

[3] ara depożizjzoni tiegħu a fol. 62 .

[4] Appell Inferjuri (Għawdex): Anthony Cauchi vs Pierre Galea et. : 26.4.2006

għandhom raġun il-konvenuti jinsistu illi l-attur għandu jirrimedja għal dan ix-xogħol difettuż, u mix-xhieda tal-perit Agius jirriżulta illi l-uniku rimedju prattiku u effettiv, huwa illi dan il-kontra-bejt jinkesa bil-*water-proofing membrane .*

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi :

(a) fir-rigward ta' l-Avviż, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi ; u

(b) fir-rigward tal-kontro-talba, billi tilqa' d-domandi tal-konvenuti u :

1. tiddikjara li x-xogħol ta' konkos li għamel l-attur Anthony Muscat fuq inkarigu tal-konvenuti ma sarx skond is-sengħa u l-arti ;

2. tikkundanna lill-atturi konjuġi Muscat sabiex fi żmien xahrejn a spejjeż tagħhom, jiksu b'*water-proofing membrane*il-kontra-bejt difettuż magħmul fuq is-saqaf ta' taħt il-bejt fir-residenza tal-konvenuti, fl-indirizz 23, Triq il-Mithna, Nadur, Għawdex; u

3. fin-nuqqas tawtorizza lill-istess konvenuti jagħmlu huma dawn ix-xogħlijiet rimedjali a spejjeż ta' l-attur .

Bl-ispejjeż ta' din il-kontro-talba għall-atturi wkoll."

Bl-aggravju taghhom fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza l-atturi jissottomettu illi l-ewwel Qorti kienet inkorretta meta akkoljiet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti. Huma jillanjaw ukoll mill-fatt illi dik l-istess Qorti cahditilhom it-talba taghhom ghall-hlas filwaqt li kkundannathom jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali;

Taht l-ewwel kap l-appellanti jissollevaw il-punti li jsegwu:-

(i) L-ewwel Qorti strahet wisq fuq ix-xhieda ex-parte ta’ l-Arkitett Raymond Agius;

(ii) Konvenjentement, il-konvenuti ma ressqux biex jixhed lill-Perit Carmelo Borg, li kien l-arkitett responsabbli mix-xoghlijiet;

(iii) L-ewwel Qorti ghamlet uzu minn dikjarazzjonijiet attribwibbli lill-Perit Agius meta dan ma esprimiex ruhu fis-sens ikkummentat mill-Qorti;

(iv) Ix-xquq li zviluppaw fil-kontro-bejt kienu normali f’ xoghol bhal dan u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex tasal ghal konkluzjoni li l-operat taghhom ma kienx skond l-arti u s-sengha;

Il-Qorti behsiebha tikkummenta fil-qosor dwar kull punt hawn fuq elenkat skond l-ordni li tqajjem;

Huwa minn ewl id-dinja illi meta parti tqabbad konsulent biex jaghtiha l-parir tekniku tieghu dwar dawk li jkunu apparentement ghaliha difetti fix-xoghlijiet ezegwiti minn terzi, dan taghmlu bl-iskop li l-perizja teknika tieghu tassistiha fis-sostenn tal-fatt kostituttiv migjub ghab-bazi tad-dritt vantat minnha b’ azzjoni jew b’ kontro-talba. Wisq naturali, il-prova ta’ din l-istess perizja teknika ex-parte isservi, imbaghad, fil-gudizzju proprju ghall-formazzjoni u konvinciment tal-gudikant adit mill-kawza. Dan ma jfisserx li l-gudikant hu marbut biha u, effettivament, fir-rit procedurali dik l-istess perizja u x-xhieda dwarha hi kontrollabbli minnu u meqjusa flimkien mar-rizultanzi istruttorji ohra, fil-qafas ta’ indagini unitarja tal-provi u tal-valutazzjoni taghhom. Ma hemm xejn fil-ligi li jzomm lill-gudikant milli jadotta l-opinjoni tekinika tal-perit, anke wiehed ex-parte, jekk hu jsib li din hi sew istruwita b’ ragunijiet sufficjenti tal-verifiki u ta’ l-accertamenti maghmula. Dan, aktar u aktar, imbaghad, meta dik l-istess opinjoni ma tkunx imqeghda f’ dubbju minn opinjoni teknika diversa;

Hekk inhu proprju l-kaz prezenti. L-unika xhieda tehnika li kellha quddiemha l-Qorti kienet dik tal-Perit Ray Agius u din minn imkien ma jirrizulta li giet ikkontrastata minn opinjoni diversa, nonostante li fil-fazi pre-processwali, meta gew ikkonstatati d-difetti, l-atturi kienu mghejjuna minn perit tal-ghazla taghhom (AIC Saviour Micallef) li baqa’ ma giex prodott minnhom. Ic-censura taghhom fuq dan l-aspett hi allura ghal kollox insostenibbli;

Dan japplika ugwalment fil-kaz ta’ l-ilment l-iehor taghhom mqanqal taht punt (ii). Kif gja kellha okkazjoni din il-Qorti tirrimarka f’ kazijiet ohra, fid-djalettika processwali hu dejjem imholli fil-poter eskluziv tal-parti l-valutazzjoni tal-provi li tixtieq ittella’ u mhux allura mistenni li l-kontroparti tigi kkritikata ghax tkun naqset milli tipproduci xhud. Wara kollox kien hekk similment fid-disponibilita` u fl-inizzjattiva ta’ l-appellanti li jipproducu lil Perit Carmelo Borg u jekk dan huma stess ma ghamluhx ma huwiex lecitu li jirrinfaccjaw lill-appellati bin-nuqqas li jtellghu dan ix-xhud. L-ilment taghhom hu konsegwentement wiehed fieragh u qed jigi skartat;

Fuq it-tielet punt jibda biex jigi osservat illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi *iuxta alligata et probata* u dan jimporta li l-gudizzju tieghu jigi estratt unikament mill-allegazzjonijiet maghmula u in bazi ghall-provi prodotti, bla ma jzid jew inaqqas xejn. Issa f’ dan il-kaz l-appellanti jillanjaw illi l-Perit Raymond Agius minn imkien fix-xhieda tieghu ma esprima ruhu fis-sens dikjarat mill-ewwel Qorti u, cjoe, f’ dik il-parti tas-sentenza li tghid “l-istess xhud kompla jispjega kif allura l-konsegwenzi kienu ser ikunu ferm aktar gravi, ghax l-ilma tax-xita kien jippenetra minn dawn ix-xquq u jinqabad bejn il-kontrobejt u s-saqaf ta’ tahtu, u kien idum izjed biex jinxef, b’ perikolu wkoll li tissaddad ix-xibka tal-hadid tas-saqaf”;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta’ l-imsemmi perit a fol. 61 *et sequitur* u minnha tiddelineja dan li gej:-

(i) Mill-ispezzjoni kondotta minnu ossserva li l-kontra-bejt kien fih xi xquq u dawn kienu jirrenduh “difettuz”;

(ii) Ir-raguni provvduta kienet li dawn ix-xquq kienu “irregolari” u minnhom seta’ jippenetra l-ilma. Dan kien jaghmel il-kontro-bejt “ineffettiv” fl-iskop tieghu li hi dik li “jilqa’ l-ilma tax-xita, biex ma jinzelx, ma jippenetrax ghal fuq il-bejt u konsegwentement ghal gol-kmamar”;

(iii) Issokta jispjega illi “jekk jidhol l-ilma bejn il-kontro-bejt u r-*roof slab* ser ikun hemm izjed konsegwenzi peress illi jkun izjed difficli biex jinxef”;

Huwa ben evidenti minn vizjoni ta’ din ix-xhieda illi l-ewwel Qorti zammet linejari maghha fid-decizjoni taghha. Huwa veru li accennat ukoll ghal konsegwenzi ta’ l-ossidazzjoni tax-xibka imma din trid tittiehed fil-kuntest ta’ l-istess rakkont tal-perit tal-konsegwenzi pjuttost serji, fejn ikollok l-istall ta’ l-ilma penetranti mix-xquq tal-kontro-bejt ghal-bejt ta’ tahtu. B’ daqshekk ma jidherx li l-ewwel Qorti tbeghdet mill-osservazzjonijiet tal-Perit Agius jew li interpretathom malament b’ zieda mhux akkonsentita. Anke allura dan il-punt qed jitqies infondat;

Riferibilment ghall-ahhar punt ghandu jinghad bi preliminari illi r-rikonoxxibilita` tax-xorta ta’ difett tigi valutata fuq l-istregwa ta’ l-accertamenti teknici u mhux minn dak li l-appaltatur ikun joghgbu jikkwalifika l-istess difett. Jghidu x’ ighidu l-appellanti illi l-qsim f’ xoghlijiet bhal dawn huma “normali”, il-verita hi li fuq il-gudizzju tal-Perit Agius dawn kienu “irregolari” u suxxettibbli ta’ konsegwenzi, anke strutturalment serji. Dan, del resto, lanqas ma hu eskluz mill-Perit Carmelo Borg fir-rapport tieghu (fol. 58);

F’ termini guridici l-verifika tal-vizzji fix-xoghlijiet ezegwiti ma tistax hlief tissarraf f’ inadempiment inezatt ta’ l-istess xoghlijiet in kwantu dawn ma jikkorrispondux “*alla buona regola dell’ arte*” (**Kollez. Vol. XXV P I p 727**) u ta’ dik l-obbligazzjoni “*di eseguire bene l’ opera commessagli secondo i dettami dell’ arte suo*” (**Kollex. Vol. XXVII P I p 374**). Kif inhu risaput, f’ appalt id-diskrezzjonalita` teknika hi f’ idejn l-appaltatur u dan igib illi hu jirrispondi ghar-rizultat. Dan anke fil-kaz fejn hu jkun esegwixxa x-xoghol skond kif qallu min inkarigah (**Kollez. Vol. XL P I p 485**). Jekk allura jinstab li hu ittrasgredixxa r-regoli ta’ l-arti u tas-sengha, kif inhu l-kaz hawnhekk, huwa jidhol f’ responsabilita kontrattwali li jelimina d-diffetti u l-imperfezzjonijiet rizultanti;

Minn dan ikkunsidrat jigi li l-appellanti lanqas ma ghandhom ragun fuq l-ahhar punt fis-serje ta’ punti minnhom imqanqla bl-ewwel aggravju. Jifdal li jigi kkonsidrat it-tieni aggravju;

Huwa maghruf li l-azzjoni tal-kommittent derivanti minn xoghol hazin ta’ l-opera appaltata hi suxxettibbli ta’ rimedji diversi. Fosthom, dik tar-rizoluzzjoni tal-ftehim u tad-danni jew dik tar-riduzzjoni fil-prezz jew dik ta’ l-eliminazzjoni tad-difetti, kif hekk intalab hawnhekk mill-appellati fil-kontro-talba, u hekk ukoll l-ewwel Qorti accettat li ghandu jsir;

Issa fil-parti razzjonali tas-sentenza dik il-Qorti sewwa osservat illi l-appellanti ma ghandhomx dritt jithallsu tax-xoghol difettuz qabel ma jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet taghhom. Meta imbaghad giet ghal parti dispositTiva tas-sentenza l-istess Qorti ddikjarat li kienet qed tichad it-talbiet attrici u dan minghajr ma ipprovdiet ukoll, b’ rizerva, illi terminati x-xoghlijiet rimedjali a spejjez ta’ l-appellanti u b’ mod sodisfacenti dawn ikollhom jedd jiricevu l-hlas bilancjali reklamat. Din il-Qorti behsiebha tipprovdi dwar dan fil-parti operattiva ta’ din is-sentenza, anke ghaliex, *se mai*, il-Qorti kien messha, minhabba t-tempestivita` tat-

talba, illiberat lill-konvenuti *ab observantia* u mhux cahdet ghal kollox l-istess talba.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell fl-ewwel kap ta’ aggravju devolut lilha u in kwantu ghat-tieni kap tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li zzomm ferm l-akkoljiment tal-kontro-talba u l-kundanna tax-xoghlijiet rimedjali, kif fis-sentenza appellata provvdut, tordna li, terminati dawn l-istess xoghlijiet kif iccertifikati mill-perit AIC Valerio Schembri, li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, u salv li dawn jitqiesu sodisfacenti u kompleti, l-appellati jhallsu lill-appellanti s-somma bilancjali domandata fl-avviz. Kopja ta’ dan ic-certifikat ghandu jigi esebit fl-atti ta’ din il-procedura. Kull dritt professjonali, kif intaxxat, dovut lill-imsemmi Perit jitbata mill-appellanti. Tenut rigward tac-cirkostanzi, fuq din is-somma ma jiddekorrux imghaxijiet. Jibqa’ miftiehem illi jekk l-appellanti jonqsu milli jaghmlu dawn ix-xoghlijiet fit-terminu stabbilit, u li qed jigi hawn rikonfermat, din l-ordni ma ghandha jkollha ebda effetti. L-ispejjez gudizzjarji ta’ din l-istanza jibqghu a karigu ta’ l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------